

32003D0017(01)

15.1.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 9/27

ID-DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**tat-18 ta' Diċembru 2003****dwar l-ishma perċentwali tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema tas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-bank ċentrali ewropew****(BĊE/2003/17)****(2004/43/KE)**

IL-KUNSILL REGULATORJU TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, partikolarment l-Artikoli 29.3 u 29.4,

Wara li kkunsidra l-kontribuzzjoni tal-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew (ECB) skond ir-raba' subinċiż ta' l-Artikolu 47.2 ta' l-Istatut,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni BĊE/1998/13 ta' l-1 ta' Diċembru, 1998, dwar l-ishma perċentwali tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema tas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽¹⁾, stabbiliet b'effett mill-1 ta' Ġunju, 1998, il-proporzjonijiet assenjati lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) fl-iskema tas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-BĊE (minn issa 'l quddiem "il-proporzjonijiet fl-iskema kapitali" u "l-iskema kapitali" rispettivament).
- (2) L-Artikolu 29.3 ta' l-Istatut jeħtieġ li l-proporzjonijiet fl-iskema kapitali jiġu aġġustati kull ħames snin wara t-twaqqif tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali permezz ta' analoġija mad-dispożizzjonijiet imniżżla fl-Artikoli 29.1 ta' l-Istatut. L-iskema kapitali aġġustata tapplika b'effett mill-ewwel ġurnata tas-sena wara dik is-sena li fiha l-aġġustament isir.
- (3) Skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/517/KE tal-15 ta' Lulju, 2003, dwar id-data statistika li għandha tintuża għall-aġġustament ta' l-iskema tas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽²⁾, il-Kummissjoni Ewropea pprovdiet lill-BĊE bid-data statistika li għandha tintuża fid-determinazzjoni ta' l-iskema kapitali aġġustata.
- (4) Il-profitti jew it-telf netti tal-BĊE (jekk ikun hemm) għas-sena finanzjarja 2003 għandhom jiġu allokatu u distribwiti skond l-Artikolu 33.1(b) u l-Artikolu 33.2 ta' l-Istatut, u skond il-proporzjonijiet fl-iskema kapitali applikabbli fil-31 ta' Diċembru, 2003. L-istess għandu japplika għall-allokazzjoni tad-dħul monetarju tal-BĊNi

skond l-Artikolu 32.1 ta' l-Istatut, id-distribuzzjoni tad-dħul tal-BĊE magħmul mill-ħruġ tal-flus, ir-remunerazzjoni tat-talbiet tal-BĊNi li huma ekwivalenti għall-assi ta' riżerva barranin ittrasferiti lill-BĊE u r-remunerazzjoni tal-bilanċi interni għall-Ewrosistema dwar il-karti tal-flus ewo fiċ-ċirkolazzjoni,

ADDOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Aġġustament

Fejn il-Kummissjoni Ewropea tipprovdri data statistika riveduta biex tintuża fl-aġġustament ta' l-iskema kapitali u l-figuri ma jlaħħqux għall-100 %, id-differenza għandha tkun kumpensata kif ġej: (i) jekk it-total ikun anqas minn 100 %, billi jizjed 0,0001 ta' punt perċentwali ma' l-iżgħar sehem (ishma) f'ordni axxendenti sakemm jintlaħaq il-100 % eżatti, jew (ii) jekk it-total ikun iżjed minn 100 %, billi jitnaqqas 0,0001 ta' punt perċentwali f'ordni dixxendenti mill-akbar sehem (ishma) sakemm jintlaħaq il-100 % eżatti.

Artikolu 2

Il-Proporzjonijiet fl-iskema kapitali

Il-proporzjonijiet assenjati lil kull BĊN fl-iskema kapitali deskritta fl-Artikolu 29 ta' l-Istatut għandhom ikunu kif ġej b'effett mill-1 ta' Jannar, 2004:

– In-Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique	2,8297 %
– Id-Danmarks Nationalbank	1,7216 %
– Id-Deutsche Bundesbank	23,4040 %
– Il-Bank of Greece	2,1614 %
– Il-Banco de España	8,7801 %
– Il-Banque de France	16,5175 %
– Ic-Central Bank and Financial Services Authority of Ireland	1,0254 %
– Il-Banca d'Italia	14,5726 %
– Il-Banque centrale du Lussemburgu	0,1708 %

⁽¹⁾ ĠU L 125, tad-19.5.1999, p. 33.⁽²⁾ ĠU L 181, tad-19.7.2003, p. 43.

– Id-De Nederlandsche Bank	4,4323 %
– L-Österreichische Nationalbank	2,3019 %
– Il-Banco de Portugal	2,0129 %
– Is-Suomen Pankki	1,4298 %
– Is-Sveriges Riksbank	2,6636 %
– Il-Bank of England	15,9764 %

tal-flus, ir-remunerazzjoni tat-talbiet tal-BĊNi li huma ekwivalenti għall-assi ta' riżerva barranin ittrasferiti lill-BĊE u r-remunerazzjoni tal-bilanċi interni għall-Ewrosistema dwar il-karti tal-flus ewro fiċ-ċirkolazzjoni, li għandhom x'jaqsmu mas-sena finanzjarja 2003, għandhom ikunu allokati u distribwiti skond il-proporzjonijiet fl-iskema kapitali applikabbli fil-31 ta' Diċembru, 2003.

3. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-19 ta' Diċembru, 2003.

4. Din id-Deċiżjoni se tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Dispożizzjonijiet finali u tranżitorji

1. Id-Deċiżjoni BĊE/1998/13 hija bil-preżenti rrevokata b'effett mill-1 ta' Jannar, 2004.

2. Kull profitt jew telf nett tal-BĊE (jekk ikun hemm), id-dħul monetarju tal-BĊNi, id-dħul tal-BĊE magħmul mill-ħruġ

Magħmula fi Frankfurt am Main, it-18 ta' Diċembru 2003.

Għall-Gvernatur tal-Kunsill tal-BĊE
Jean-Claude TRICHET